MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2009

Numru 302/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**
**vs**

**CHARLES SIVE CHARLOT MANGION**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Charles sive Charlot Mangion, 30 sena bin George u Doris nee’ Portelli mwieled Bormla fit-30 ta’ Ottubru, 1975 u li joqghod ‘St. Mary’ Triq il-Karmnu, Fgura. Detentur tal-karta tal-Identita’ bin-numru 25276(m).

Billi gie akkuzat talli fit-22 ta’ Marzu 2005 ghall-habta tas-2.30 ta’ filghodu kkommetta serq mill-ispizerija bl-isem

‘Blossoms Pharmacy’ sitwata fi Triq tal-Gurgier Birzebbugia ghad-dannu ta’ Paul Cutajar minn Hal Safi. Liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bil-hin.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ l-istess Paul Cutajar, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm 10) izda ma tiskorrix-il hamsin lira Maltin (Lm 50).

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U finalment talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 58 tal-Process u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tielet akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-

ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tielet akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li nkwantu ghat-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni, dina l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq aggravat u konsegwentement talab lill-Qorti sabiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal- imsemmija tielet akkuza migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li nkwantu ghall-ispejjez inkorsi a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-ammont li ghandu jigi kkundannat ihallas l-imputat hu ta’ Euro 300.27 li huma l-ispejjez tal-Ispizjar Mario Mifsud.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 261(b) u (c), 263, 267, 278(2), 279(a), 280(2), 289(1) u 325(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Charles sive Charlot Mangion, fuq ammissjoni, hati tal- akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tielet akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza il-fedina penali xejn felici tal-imputat tikkundanna lill-imputat Charles sive Charlot Mangion ghall-piena komplessiva ta’ hmistax (15) il-xahar prigunerija.

Rigward it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat Charles sive Charlot Mangion li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur rigward din l-imsemmija tielet akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imsemmija tielet akkuza migjuba kontra l-imputat Charles sive Charlot Mangion li tirrigwarda ricettazzjoni.

Inoltre il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat Charles sive Charlot Mangion sabiex fi zmien xahar millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' tlett mitt Euro u seba' u ghoxrin centezmi ta' Euro (Euro 300.27) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina tal-espert Spizjar Mario Mifsud fl-Inkjesta li l-Process Verbal taghha jinsab fl-atti ta' din il-kawza a fol. 53 tal-Process.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------